# DISKORS TAL-FTUĦ TAS-SENA FORENSI
## 2 TA' OTTUBRU 2000

Eċċellenza, Onorevoli Ministru tal-Ġustizzja, Kollegi Sinjuri Imħallfin u Sinjuri Maġistrati, President tal-Kamra ta' l-Avukati, Sinjuri Avukati u Prokuraturi Legali, Sinjuri:

Ippermettuli qabel xejn nindirizza ruħi, f'ismi u f'isem il-Ġudikatura, lejk Eċċellenza Tiegħek, u nirringrazzjak talli lqajt l-istedina li tonorana f'din iċ-ċerimonja tal-ftuħ tas-sena forensi bil-preżenza awgusta tiegħek. Din hija l-ewwel darba li l-President tar-Repubblika għażel li jkun preżenti għal din iċ-ċerimonja. Il-preżenza tiegħek fostna hi tqila b'sinifikat li ma jistax ma jiġix senjalat. Hi turija ċara ta' l-interessament qawwi u dirett li inti għandek fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja u fil-problemi li qed taffaċċja. Int trid permezz ta' din il-preżenza fostna tissiġilla, bl-awtorita' għolja tal-kariga li tokkupa, l-impenn tiegħek li tassigura l-ħarsien tas-saltna tad-dritt fil-pajjiż li hi l-bażi tal-ħajja demokratika waqt li ma tonqosx li tagħmel dak kollu li, fil-mansjonijiet kostituzzjonali tiegħek, hu lilek konsentit li tagħmel f'dan ir-rigward. Hi wkoll turija tanġibbli tal-preokupazzjoni ġustifikata tiegħek li kien hemm il-

ħtieġa li jittieħdu passi immedjati biex l-amministrazzjoni tal-ġustizzja f'pajjiżna tiġi imtejba qabel ma jkun tard wisq.

Aktar kmieni din is-sena, inti kont ilqajt stedina tal-Ġudikatura biex tiltaqa' magħha ħalli tiġi aġġornat dwar ir-rejaltajiet li fihom kienet qegħda msejħa biex tamministra l-ġustizzja. F'dik l-okkażjoni kont esprimejt ix-xewqa li dik ma kellhiex tkun vista unika ta' kortesija dovuta imma kellha tiġi segwita b'oħrajn, fejn iċ-ċirkostanzi hekk ikunu jindikaw li hekk hu opportun u xieraq li jsir. Il-ftuħ tas-sena forensi hi proprju waħda minn dawn iċ-ċirkostanzi u nawgura li anke f'dan, l-eżempju tiegħek jiġi segwit fis-snin li ġejjin. Il-preżenza tiegħek illum Eċċellenza, hi allura espressjoni ta' dan l-impenn dikjarat tiegħek li f'kull ħin bħala President tar-Repubblika tagħti riżalt lill-għaqda tal-poplu u lix-xewqa tiegħu li jgħix fis-saltna tad-dritt, f'pajjiż demokratiku u ċivili, taħt l-awtorita' tal-liġi, ugwali għal kulħadd.

Doveruż ukoll li nilqa' fostna lill-Onorevoli Ministru tal-Ġustizzja b'responsabbilita' diretta għall-amministrazzjoni tagħha. Naħseb li lkoll napprezzaw illi l-problemi li qed ikollok taffronta ma humiex tal-lum imma huma legat ta' ħafna u

ħafna snin ta' kważi letarġija amministrattiva dovuta l-aktar għan-nuqqas ta' rikonoxximent tal-bżonn impellenti illi l-istrutturi ta' l-amministrazzjoni tal-ġustizzja, kemm dawk f'riżorsi umani kif ukoll strutturali u materjali, kellhom jiżviluppaw man mano u bl-istess rata li jipprogredixxi u jiżviluppa l-pajjiż, ekonomikament u soċjalment. Inkunu inġusti miegħek Onorevoli Ministru jekk ma nirrikonoxxux illi qed tagħmel ħiltek f'dan il-qasam anke jekk qed ikollok tamministra strettament fil-limiti ta' dak li l-Ministeru għandu a diżposizzjoni tiegħu, bi ftit li xejn investiment ġdid. Anke jekk l-istil, ngħiduha, jista' jkun volutament kultant abbrasiv u jweġġa', inkunu nonqsu jekk ma nirrikonoxxux illi l-problemi qed taffrontahom b'mod attiv u komprensiv anke jekk is-soluzzjonijiet proposti mhux dejjem attiraw kunsens. Hekk l-isforzi biex isir aktar reklutaġġ ta' skrivani u minor staff huma apprezzati u qed ikollhom miżura ta' suċċess. Anke jekk għadna 'l bogħod ħafna milli jkollna servizz serju, dixxiplinat u effiċjenti ta' uffiċjali ġudizzjarji li jispiraw il-fiduċja u s-serjeta' li kull Qorti che si rispetta jixirqilha li jkollha. Il-ftehim riċenti dwar ir-riorganiżazzjoni tal-gradi ta' recorders, purtiera u marixxalli, hu pass fid-direzzjoni ġusta anke għax jidher li ġie approvat mill-ħaddiema involuti. Approvazzjoni li kienet vitali

biex il-miżura ta' riforma tirnexxi u tagħti l-frott meħtieġ fil-prattika.

Fil-qasam ta' l-amministrazzjoni tal-ġustizzja, forsi aktar minn oqsma oħra, kien essenzjali illi kull miżura li jkun maħsub li tittieħed kellha wkoll tkun il-frott ta' konsultazzjoni sfiqa ma' dawk li jkunu eventwalment imsejħa biex jimplimentaw tali miżura, mill-Ġudikanti 'l isfel. Hekk allura jekk kellha ssir riforma fir-rigward tan-notifika ta' l-atti, materja din mill-aktar urġenti, kellhom jiġu konsultati fost oħrajn l-uffiċjali nvoluti f'dan il-qasam.

Jekk kellu jsir iċ-ċaqliq tar-Reġistru minn fuq għal isfel, wara aktar minn ħames snin ta' ippjanar u proġettar, kienu essenzjali l-fehmiet tal-Prokuraturi Legali. Jekk kien maħsub tibdil fl-inkompetenzi tal-Qrati u b'mod partikolari jekk kien hemm maħsub illi jkun hemm deċentraliżazzjoni fis-smiegħ ta' ċerti kawżi, anki ċivili, fit-tribunali lokali, kien għaqli li tiġi sewwa konsultata l-Kamra ta' l-Avukati. Fil-qasam ta' l-amministrazzjoni tal-ġustizzja, kellu jkun il-consensus li jimmotiva r-riforma. L-impożizzjoni tagħha kontra l-konvinzjoni

ta' min kellu jimplimentaha, kellha tiġi, sa fejn umanament possibbli, evitata.

Eċċellenza, il-ftuħ tas-sena forensi, tradizzjonalment ittina l-opportunita' ta' riflessjoni fuq l-istat ta' l-amministrazzjoni tal-ġustizzja. Fuq dak li sar, li qed isir u li għandu jsir biex din titjieb u ssir aktar effiċjenti fl-interess tas-soċjeta'. Riflessjoni li kellha twassalna biex nirrispondu għad-domandi vitali dwar xi kwalita' ta' ġustizzja nixtiequ nassiguraw liċ-ċittadini kollha tagħna, x'kapaċita' kellhom is-sistema u l-istrutturi li jipprovduha llum fil-livell mixtieq, xi prezz hu mistenni li s-soċjeta' tħallas għal dan is-servizz. Ngħid "servizz" bi propositu u b'enfasi għaliex għalija u għal kull wieħed minnha, il-parteċipazzjoni fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja kellha tkun l-għoti ta' servizz lill-komunita'. L-aqwa servizz li jassigura l-ordni soċjali, l-armonija u l-ħajja demokratika fil-pajjiż. L-istat kellu l-obbligu kostituzzjonali illi jipprovdi dan is-servizz ta' aċċess għall-Qrati u li jassigura li jkun hemm strutturi ġjudizzjarji effiċjenti u adegwati biex jiggarantixxu smiegħ xieraq fiż-żmien raġjonevoli kemm fil-kompetenza ċivili kif ukoll fil-kompetenza kriminali. Dan l-obbligu jinkombi fuq l-organi kollha ta' l-istat. Mhux biss allura l-eżekuttiv għandu d-dover li

jipprovdi l-istrutturi u r-riżorsi umani adegwati biex dan l-obbligu jiġi sodisfatt, imma aħna lkoll li għandna xi kompetenza fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja, għandna l-obbligu kostituzzjonali illi fl-eżerċizzju ta' dawk il-kompetenzi, nassiguraw liċ-ċittadin smiegħ xieraq fi żmien raġjonevoli. Ma għadux allura ż-żmien li fih min għandu xi responsabbilita' għall-amministrazzjoni tal-ġustizzja fil-pajjiż, jinħela f'eżerċizzju sterili li jittanta jgħabbi lil xi parti oħra bil-ħtija tas-sitwazzjoni infeliċi li fiha tinstab l-amministrazzjoni tal-ġustizzja. Kellu jispiċċa ż-żmien li fih l-Eżekuttiv jattribwixxi inkompetenza lill-Ġudikatura jew li l-Ġudikatura u l-Avukatura jattribwixxu ineffiċjenza lill-Eżekuttiv biex jipprovaw jeżimu ruħhom mir-responsabiltajiet rispettivi tagħhom. Hu inveċe ż-żmien meta kull wieħed u waħda minna kellu jassumi r-responsabbiltajiet proprji tiegħu u jimpenja ruħu li jagħmel l-almu tiegħu, fil-possibbiltajiet imqegħda għad-diżpożizzjoni tiegħu, biex sa fejn jiddependi minnu itejjeb l-amministrazzjoni tal-ġustizzja.

Id-domanda di fondo, Eċċellenza, kellha tkun proprju xi kwalita' ta' ġustizzja nixtiequ li jkollna għall-pajjiżna u jekk dik il-ġustizzja kenitx mhux biss tissodisfa l-garanzija

kostituzzjonali bażiċi li l-istat kien obbligat li jipprovdi imma wkoll li kienet tilħaq l-aspirazzjonijiet għolja li tradizzjonalment il-poplu kien jistenna mill-qrati tiegħu. Bħala President tal-Qorti jippreokkupani diskors fis-sens illi l-Imħallfin kellhom jiġu lliberati minn ċertu xogħol biex jagħmlu biss kawżi importanti bħalli kieku l-Maġistrati kellhom xi doveri inferjuri jew xi ġurisdizzjoni limitata biex jiddeċiedu kawżi anqas importanti. Kif jippreokkupani wkoll diskors fis-sens illi l-amministrazzjoni tal-ġustizzja kien servizz li kellu jħallas għalih innifsu jew li kien il-poplu, li jaċċedi għall-Qrati tiegħu, li kellu jagħmel tajjeb għat-titjib fl-istrutturi u fil-kondizzjonijiet tal-ġudikanti.

Eċċellenza, id-dibattitu reċenti dwar iż-żieda fit-tariffi tal-kawżi u t-tibdil propost fil-kompetenza tal-Qrati u b'mod partikolari dik tat-tribunali tat-talbiet żgħar, kellhom fil-fehma tiegħi, jiġu eżaminati proprju fil-kuntest tal-prinċipju ta' l-ugwaljanza sostanzjali fl-aċċessibilita' għall-organi ġjudizzjarji u fl-assigurazzjoni li tali aċċessibilita' kellha tkun għal tribunal imparzjali u indipendenti. Kull individwu hu ugwali quddiem u taħt il-Liġi. Kull individwu għandu l-jedd għall-protezzjoni indaqs quddiem il-Liġi. Kull individwu għandu l-jedd li jibbenefika indaqs mill-istat ta' dritt li s-soċjeta' hi obbligata

tassiguralu bla ebda diskriminazzjoni, mhux biss diskriminazzjoni fis-sens tradizzjonali tal-kelma bażata fuq razza, nazzjonalita', reliġjon u sess, jew xi forma ta' disabilita', imma wkoll diskriminazzjoni aktar artifiċjali riżultat ta' kondizzjoni soċjali, bħal ma huma n-nuqqas ta' mezzi jew in-nuqqas ta' opportunita'. Mhux ċertament diskuss id-dritt ta' l-Istat li jintroduċi miżuri biex itejjeb l-amministrazzjoni tal-ġustizzja u jirrendiha aktar effikaċi u adegwata għaż-żminijiet. Kull miżura pero' kellha tittieħed fl-għarfien ta' l-implikazzjonijiet li jista' jkollha fuq l-aċċessibilita' taċ-ċittadin għall-Qrati tiegħu u, b'mod partikolari, fl-assigurazzjoni li ma jsir xejn li serjament ixekkel jew jiżvantaġġja lil min ma kellux mezzi adegwati biex ifittex il-jeddijiet tiegħu jew li jiddefendihom. Wisq anqas għandu ma jsir xejn, anke bl-aħjar intenzjonijiet, li jċaħħad lill-individwu mid-dritt ta' aċċess, sħiħ u limpidu, għal tribunali li verament ikunu indipendenti u imparzjali. Il-poplu kellu jkun ġeluż tal-Qrati tiegħu. Kellu jfittex li jqawwihom u jsaħħaħhom.

Il-Ġudikatura ma temminx li s-soluzzjoni għall-problemi tal-Qrati tinstab, b'mod effikaċi u permanenti, f'ritokki marġinali bħall-għoli tat-tariffi, iċ-ċaqliq tal-kompetenzi tal-Qrati jew fil-

promozzjoni ta' sistemi ta' ġustizzja alternattiva fuq bażi volontarja. Anke jekk ma teskludix li miżuri ta' din ix-xorta, introdotti b'għaqal, b'ġudizzju u fir-rispett sħiħ tal-garanziji kostituzzjonali, jistgħu jkunu, marġinalment u temporanjament, ta' effett benefiku.

Il-Ġudikatura temmen, pero', li l-vera soluzzjoni tal-problema ta' l-amministrazzjoni tal-ġustizzja tinsab band'oħra. Tinstab mhux biss fir-rispett sħiħ li l-organi l-oħra ta' l-Istat kellu jkollhom u kellhom juru fid-deher versu l-ġudikatura bħala istituzzjoni, indipendentement mill-persuni li jikkomponuha, mhux biss kienet tinstab fl-għarfien ta' kull Imħallef u Maġistrat tad-doveri tiegħu u ta' l-impenn sħiħ li jaqdihom fis-servizz tas-soċjeta', imma wkoll fir-rikonoxximent da parti ta' l-organi l-oħra ta' l-Istat tal-bżonn illi jsaħħu u jippotenzaw l-istrutturi tal-Qrati, kemm materjali u kemm ta' riżorsi umani, biex jadegwawhom ħalli jkunu jistgħu u sewwa b'mod effikaċi jissodisfaw l-obbligu li l-Istat għandu li jassigura għaċ-ċittadini tiegħu amministrazzjoni tal-ġustizzja minn tribunali imparzjali u indipendenti fi żmien raġjonevoli.

Eċċellenza, hu hekk biss li d-defiċit fil-motivazzjoni tal-ġudikatura jista' jiġi kolmat u korrett. Defiċit li ġie sfortunatament aċċentwat din is-sena bl-implimentazzjoni, fil-fehma tagħna żbaljata, ta' miżuri maħsuba biex jissottolinejaw il-linja fina ta' demarkazzjoni bejn l-eżekuttiv u l-ġudizzjarju. Għan mill-aktar lodevoli sakemm il-prinċipji jiġu applikati b'mod uniformi u trasparenti u li jwasslu għat-tisħiħ ta' indipendenza tal-ġudikatura.

Is-sena li għaddiet ukoll kienet sena li fiha l-problemi ta' l-amministrazzjoni tal-ġustizzja ġew volutament ventilati b'dibattiti pubbliċi fil-media spiss provokati b'aġenda dikjarata u preċiża. Mhux għall-ġudikatura li tgħaddi ġudizzju fuq l-opportunita' u l-utilita' ta' eżerċizzju publiċitarju ta' dan ix-xorta, u lanqas jekk kellux jew le l-effett mixtieq minn min ippartecipa fih. Il-ġudikatura, spiss l-mira faċli u konvenjenti ta' akkużi, kultant inġusti, għażlet li ssegwi dan id-dibattitu fis-skiet. Hi pero' żbaljata l-fehma illi l-ġudikatura kellha l-obbligu li ssolvi l-problemi ta' l-amministrazzjoni tal-ġustizzja. Il-funzjoni tal-ġudikatura kienet li tisma' u tiddeċiedi l-kawżi skond il-proċedura stabbilita, sakemm dan ikun possibbli bil-meżżi mqegħda għad-disposizzjoni tagħha. Sakemm dan il-kompitu

tagħmlu skond l-aħjar ħila tagħha, u jidher li hemm qbil li dan qed tagħmlu, ħadd ma kellu d-dritt li jakkużaha b'rinunzja tad-doveri tagħha. U biex ma niftiehemx ħażin nissottolineja illi anke l-ġudikatura għandha n-nuqqasijiet tagħha. Hemm spazju fejn setgħet iżżid l-impenn tagħha u timmiljora r-rendiment fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet propji tagħha. Kull wieħed u waħda minnha kellu, bħal kulħadd ieħor jirrispondi in prima persona għal dak li seta' jagħmel, u kien messu għamel, u li ma għamilx ħtija tiegħu. Kif del resto kellu jirrispondi kull wieħed u waħda minna f'din l-Awla.

Eċċellenza, kienet ukoll sena ta' inizjattivi pożittivi li doveruż li jiġu senjalati. Kienet is-sena li fiha ġie mill-ġudikatura approvat unanimanent il-Kodiċi ta' Etika li jiggwidahom u jorbothom fil-qadi tad-doveri tagħhom u kif kellhom jikkomportaw ruħhom fil-ħajja pubblika u privata tagħhom. Kodiċi li wieħed jittama li jingħata issa sostanza bħala mezz regolatur ta' auto-dixxiplina. Kienet ukoll Eċċellenza sena li fiha l-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja minnek presjeduta, għall-ewwel darba, ħejjiet rapport dwar l-attivitajiet tagħha u li fih għamlet, kif fil-kompetenza tagħha, suġġerimenti prattiċi kif, fil-fehma tagħha, setgħet tittejjeb l-

amministrazzjoni tal-ġustizzja fil-pajjiż. Rapport li ġie notat mill-Eżekuttiv, imma li ma jidhirx illi pprovoka reazzjoni pożittiva fir-rigward tal-miżuri suġġeriti.

Din is-sena wkoll il-Ministeru tal-Ġustizzja nieda għall-ewwel darba proċess ta' konsultazzjoni mal-ġudikatura fir-rigward tal-budget għas-sena d-dieħla. Skambju ta' idejat utili li kellu jiġi żviluppat fis-snin li ġejjin. Pożittiv ukoll kien l-iżvilupp tat-twaqqif ta' Task Force fi ħdan il-Ministeru biex jissuġġerixxi u jimplimenta riformi prattiċi amministrattivi. Kumitat dan li beda jaħdem u li, ċertament, jipprometti progress jekk jingħata l-għodda meħtieġa biex jimplimenta l-proposti tiegħu. Din is-sena wkoll il-Ministeru ħa l-ewwel passi fit-taħriġ tal-ġudikatura fil-liġi Ewropeja, u dana wara, li bħal daż-żmien sena, kont ilmentajt illi xejn ma kien qed isir biex l-Imħallfin u l-Maġistrati jiġu allarmati għall-implikazzjonijiet ta' eventwali sħubija. Is-Seminar, mifrux fuq tlett ijiem li sar fl-aħħar tal-ġimgħa l-oħra, jidher li kien l-ewwel pass pożittiv f'dan ir-rigward u bi pjaċir ninnota li l-ġudikatura ipparteċipat sewwa fih u wriet l-interess dovut. Ċertament pero', dan l-ewwel pass ikun għal kollox inutili jekk ma jkunx segwit b'passi oħra li jassiguraw li l-

interess tal-ġudikatura f'materja tant delikata u diffiċli tkun sostnuta.

Eċċellenza, nagħlaq b'rikjam għall-konklużżjoni li int Sur President tal-Kamra ta' l-Avukati għamilt fid-diskors tiegħu fuq il-ħtieġa li fl-aġir kollu tagħna ma nagħmlu xejn li b'xi mod jista' jnaqqar il-fiduċja tal-poplu fil-qrati tiegħu. Fiduċja li daqs kemm hu diffiċli biex takkwistaha daqstant ieħor huwa faċli biex titlifha. Fiduċja li tista' tintilef għaliex rejalment ikun hemm raġunijiet gravi u impellenti illi jimminawha għaliex l-istituzzjonijiet ġudizzjarji jkunu imnawwrin. Sitwazzjoni din feliċement il-bogħod mir-rejalta' Maltija. Tista' pero' wkoll tiġi gravement preġudikata billi tinżera' ż-żerriegħa ta' sfiduċja fl-istituzzjonijiet b'addebiti ta' ineffiċjenza u inkompetenza li ma jkunux jirrispekkjaw ir-rejalta' u li, f'kull każ, kien id-dover ta' kull wieħed u waħda minna li jirrimedja għalihom. Kif għidt int Sur President, kull wieħed u waħda minna kellu l-obbligu li jagħmel l-almu tiegħu kollu biex il-fiduċja fil-qrati ma tiġi nieqsa qatt.

**JOSEPH SAID PULLICINO**

**PRESIDENT TAL-QORTI**